

32003D0209

L 79/25

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

26.3.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-25 ta' Marzu 2003****li tistabbilixxi grupp konsultattiv, li jkun magħruf bħala "il-Grupp ta' l-Esperti dwar it-Traffikar fil-Bnedmin"**

(2003/209/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni għandha żżomm u tiżviluppa lill-Unjoni bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
- (2) L-Unjoni għandha ttipprovdi ċitadini b'livell għoli ta' sigurtà ġewwa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dak l-għan għandu jinkiseb billi tiġi pprevenuta u miġġielda l-kriminalità, organizzata jew xorta oħra, b'mod partikolari fit-traffikar fil-persuni u l-offiżi kontra t-tfal.
- (3) Skond l-Artikolu 5(3) tal-Karta tad-Drittijiet ta' l-Unjoni Ewropea, it-traffikar fil-bnedmin huwa pprojbit.
- (4) It-traffikar fil-bnedmin kif iddefinit fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/JHA tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar fil-bnedmin huwa delitt gravi li jikkomprendi vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tad-dinjità umana u jeħtieġ approċċ multidixxiplinarju li jindirizza l-katina intiera tat-traffikar, li tinfirex fuq il-pajjiżi ta' l-orijini, it-transitu u d-destinazzjoni bil-istess mod.
- (5) Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 sejjaħ għal-prevenzjoni ta' kull għamla ta' traffikar fil-persuni. Il-Kunsill Ewropew ta' Sivlja tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2002 wera l-ħtieġa għal azzjoni riżoluta sabiex tikkumbatti t-traffikar fil-bnedmin.
- (6) Id-Dikjarazzjoni ta' Brussel bħala r-riżultat finali tal-Konferenza Ewropea dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Traffikar fil-bnedmin - Sfida Globali għas-Seklu 21, mit-18 sal-20 ta' Settembru 2002 tinkludi anness ta' rakkommandazzjonijiet, *standards* u l-aħjar prattiċi u tesprimi l-ħtieġa li l-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' esperti dwar it-traffikar fil-persuni.
- (7) Dan il-grupp ta' esperti għandu jikkontribwixxi sabiex jiżviluppa iktar il-prevenzjoni tat-traffikar fil-bnedmin u

l-ġlieda kontra tiegħu u jgħin lill-Kummissjoni tiġbor opinjonijiet dwar kull inizjattiva Komunitarja li jkollha x'taqsam mat-traffikar fil-bnedmin.

- (8) Għalhekk, għandu jiġi stabbilit dan il-grupp ta' esperti, għandu jiġi ddefinit il-mandat tiegħu u għandha tiġi organizzata l-amministrazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1**Is-sugġett**

1. Huwa hawnhekk stabbilit grupp konsultattiv, li jkun magħruf bħala l-grupp ta' l-esperti dwar it-traffikar fil-bnedmin, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-grupp ta' l-esperti.

2. Il-grupp ta' l-esperti għandu jkun magħmul minn individwi kkwalifikati kompetenti sabiex jikkonsidraw materji li jkollhom x'jaqsmu mat-traffikar fil-bnedmin. Din il-kompetenza għandha tkun imsejsa fuq l-esperjenza li toħroġ minn attivitajiet għall-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati ta' l-UE u għall-organizzazzjonijiet inter-governattivi, internazzjonali u mhux governattivi involuti fil-ġlieda kontra t-traffikar fil-bnedmin jew fir-riċerka akkademika għal universitajiet u istituti pubbliċi jew privati.

Artikolu 2**Il-Missjoni**

1. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-grupp ta' l-esperti dwar kull materja li jkollha x'taqsam mat-traffikar fil-bnedmin.

2. Il-grupp ta' l-esperti għandu johoġ opinjonijiet u rapporti lill-Kummissjoni fuq it-talba ta' din ta' l-aħħar jew minn rajh, filwaqt li jagħti l-konsiderazzjoni mistħoqqa lir-rakkommandazzjonijiet tad-Dikjarazzjoni ta' Brussel.

3. B'mod partikolari, għandu jiġi ssottomess rapport tal-grupp ta' l-esperti dwar dawn ir-rakkommandazzjonijiet fi żmien disa' xhur minn meta jkun ġie stabbilit il-grupp sabiex jgħin lill-Kummissjoni bil-ħsieb li tvara iktar proposti konkreti fil-livell Ewropew.

Artikolu 3

Il-komposizzjoni

1. Il-grupp ta' l-esperti għandu jkun fih 20 membru.
 2. Il-membri tal-grupp ta' l-esperti għandhom ikunu individwi b'esperjenza fil-ġlieda kontra t-traffikar fil-bnedmin li joħoġu minn attivitajiet għal:
 - (a) l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE (seba' membri),
 - (b) l-amministrazzjonijiet tal-Pajjiżi Kandidati (erba' membri),
 - (ċ) organizzazzjonijiet inter-governattivi, internazzjonali u mhux governattivi attivi fil-livell Ewropew b'esperjenza u kompetenza ddokumentati tajjeb fiż-żona tat-traffikar fil-bnedmin (disa' membri).
- Individwi b'esperjenza li tkun geġja mir-riċerka akkademika għal universitajiet jew istituti pubbliċi jew privati fl-Istati Membri ta' l-UE jistgħu wkoll isiru membri tal-grupp ta' l-esperti safejn u sakemm proposti mill-partijiet imsemmija hawn fuq.
3. Il-grupp ta' l-esperti għandu jinkludi mill-inqas 40 % tal-membri ta' kull sess.
 4. Il-membri jinħatru bħala esperti indipendenti u ma jirrappreżentawx l-istati jew l-organizzazzjonijiet li jaħdmu għalihom.

Artikolu 4

Il-ħatra

1. Il-membri għandhom jinħatru mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi ta' kompetenza u esperjenza ppruvati. Il-Kummissjoni se taħtar il-membri minn lista magħmula mill-persuni kollha proposti minn:
 - (a) il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE,
 - (b) il-Gvernijiet tal-Pajjiżi Kandidati,
 - (ċ) l-Organizzazzjonijiet internazzjonali, inter-governattivi u mhux governattivi attivi fil-prevenzjoni u l-ġlieda fit-traffikar fil-persuni fil-livell Ewropew u li l-proġetti tagħhom kontra t-traffikar kienu kkofinanzjati taħt wieħed mill-programmi STOP I jew STOP II ta' l-UE.

Kull Stat Membru jew pajjiż kandidat u kull organizzazzjoni msemmija hawn fuq jistgħu jipproponu sa tliet persuni biex isiru membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-membri għat-tagħrif fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Il-mandat

1. L-iskond tal-kariga tal-membri għandu jkun ta' sena. Jista' jiġi mġedded.

2. Ma' l-iskadenza tal-mandat tagħhom, il-membri tal-grupp ta' l-esperti għandhom jissokkaw fil-kariga sakemm jiġu mibdula jew maħtura mill-ġdid.

3. Il-mandat għandu jtemm fil-każ ta' riżenja jew mewt. F'dan il-każ il-membri għandu jiġi mibdul għall-bqija tal-perjodu taż-żmien skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4.

4. Ma għandux ikun hemm ħlas għall-kompiti mwettqa.

Artikolu 6

Il-gruppi tax-xogħol

Fit-twettiq tal-missjoni tiegħu kif iddikjarat fl-Artikolu 2, il-grupp ta' l-esperti jista' jistabbilixxi gruppi tax-xogħol *ad hoc*. Il-gruppi tax-xogħol għandu jkun fihom l-iktar sa tmien membri.

Artikolu 7

L-esperti adizzjonali

1. Il-grupp ta' l-esperti jista' jistieden kull persuna b'kompetenza speċifika dwar materja fuq l-aġenda sabiex jipparteċipa fix-xogħol tiegħu. Dawn il-persuni għandhom jipparteċipaw biss fid-diskussjoni tal-materja li għaliha jkunu ġew mistiedna.

2. Il-grupp ta' l-esperti jista' jistieden rappreżentanti uffiċjali ta' l-Istati Membri, tal-pajjiżi kandidati jew ta' pajjiżi terzi u ta' l-organizzazzjoniet internazzjonali, inter-governattivi u mhux governattivi.

Artikolu 8

Il-Presidenza u l-Bureau

1. Il-grupp ta' l-esperti, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti, għandu jeleġġi President u żewġ Viċi-Presidenti minn fost il-membri tiegħu.

2. Ma' l-iskadenza tal-mandat tagħhom, il-President u l-Viċi-Presidenti għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu mibdula jew maħtura mill-ġdid.

3. Fil-każ tat-tmiem tal-mandat bir-riżenja jew il-mewt tal-President jew ta' wieħed mill-Viċi-Presidenti, għandhom jiġu eletti min joħdilhom posthom għall-bqija tal-kariga tagħhom, skond il-proċedura ddikjarata fil-paragrafu 1.

4. Il-President u l-Viċi-Presidenti għandhom jikkostitwixxu l-Bureau.

5. Il-Bureau għandu jħejji u jorganizza x-xogħol tal-grupp ta' l-esperti.

6. Il-Bureau jista' jistieden ir-rapporteurs minn kull grupp tax-xogħol sabiex jieħdu sehem fil-laqgħat tiegħu.

Artikolu 9

Is-servizzi segretarjali

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi segretarjali tal-grupp ta' l-esperti, tal-Bureau u tal-gruppi tax-xogħol.

Artikolu 10

L-attenzenza tas-servizzi tal-Kummissjoni

Rappreżentanti tas-servizzi interessati tal-Kummissjoni jistgħu jattendu l-laqqha tal-grupp ta' l-esperti, tal-Bureau u tal-gruppi tax-xogħol.

Artikolu 11

L-opinjoni u r-rapporti

1. Il-grupp ta' l-esperti għandu jissottometti l-opinjoni u r-rapporti tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tiffissa temma taż-żmien li fiha għandhom jitwasslu l-opinjoni jew ir-rapport.

2. Id-deliberazzjonijiet tal-grupp ta' l-esperti ma għandhom ikunu bla ħsara għall-ebda vot. Meta opinjoni jew rapport jiġi adottati unimament mill-grupp ta' l-esperti, dan ta' l-aħħar għandu jistabbilixxi konklużjonijiet komuni u jehmiżhom mal-minuti. Meta l-grupp ta' l-esperti jonqos milli jaasal għal qbil unanimu dwar opinjoni jew rapport, għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-veduti espressi dwar in-nuqqas ta' qbil.

3. Il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq l-Internet kull rapport, opinjoni jew proċediment tal-grupp ta' l-esperti li mhumiex ta' natura kunfidenzjali.

Artikolu 12

Il-laqqha

1. Il-grupp ta' l-esperti għandu jiltaqa' fis-sede tal-Kummissjoni fuq stedina mill-Kummissjoni.

2. Il-Bureau għandu jiġi mlaqqa' fis-sede tal-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tal-President bi ftehim mal-Kummissjoni.

Artikolu 13

Is-segretezza

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 287 tat-Trattat, il-membri tal-grupp ta' l-esperti ma għandhom jiżvelaw l-ebda tagħrif li jiksbi permezz tax-xogħol tagħhom fil-grupp ta' l-esperti jew fil-gruppi tiegħu tax-xogħol, fil-każijiet meta l-Kummissjoni tgħarrafhom illi l-opinjoni jew il-materja partikolari tkun sigrieta. F'dan il-każ, il-membri tal-grupp ta' l-esperti u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni biss jistgħu jattendu l-laqqha.

Artikolu 14

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

António VITORINO

Membru tal-Kummissjoni